SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

16 ta' Jannar 2025*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għoti ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet – Direttiva 2014/24/UE – Artikolu 42 – Speċifikazzjonijiet tekniċi – Formulazzjoni – Natura limitattiva tal-lista li tinsab fl-Artikolu 42(3) – Sejħa għal offerti li teħtieġ it-twettiq ta' xogħlijiet tad-drenaġġ b'katusi tal-ġebel u tal-konkrit – Esklużjoni tal-katusi tal-plastik – Artikolu 42(4) – Riferiment għal tip jew għal produzzjoni speċifika – Każijiet fejn riferiment għandu jkun akkumpanjat mill-kliem 'jew ekwivalenti'"

Fil-Kawża C-424/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-ondernemingsrechtbank Gent, afdeling Gent (il-Qorti tal-Impriżi ta' Gand, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Ġunju 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Lulju 2023, fil-proċedura

DYKA Plastics NV

vs

Fluvius System Operator CV,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala President tar-Raba' Awla, C. Lycourgos (Relatur), President tat-Tielet Awla, S. Rodin, D. Gratsias u O. Spineanu-Matei, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Lamote, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' Mejju 2024,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal DYKA Plastics NV, minn S. Van Garsse u S. Verhoeven, advocaten,

– għal Fluvius System Operator CV, minn E. Gypen u G. Laenen, advocaten,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

– għall-Gvern Ċek, minn L. Halajová, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Gvern Awstrijak, minn J. Schmoll u C. Pesendorfer, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Gattinara u G. Wils, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 42 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku [kuntratti pubbliċi] u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68 u fil-ĠU L, 2023/90063).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn DYKA Plastics NV (iktar 'il quddiem "DYKA") u Fluvius System Operator CV (iktar 'il quddiem "Fluvius"), dwar l-għoti minn din tal-aħħar ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet ta' drenaġġ, li fil-kuntest tagħhom hija teżiġi l-użu ta' pajpijiet għad-drenaġġ tal-ġebel u tal-konkrit.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 74 u 92 tad-Direttiva 2014/24 jistipulaw:

"(74) Huwa meħtieġ li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mfassla mix-xerrejja pubbliċi jippermettu li l-akkwist pubbliku jkun miftuħ għall-kompetizzjoni kif ukoll li dawn jilħqu l-objettivi tas-sostenibilità. Għal dak il-għan, għandu jkun possibbli li jintefgħu offerti li jirriflettu d-diversità ta' soluzzjonijiet tekniċi, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fis-suq, inklużi dawk imfassla abbażi tal-kriterji ta' prestazzjoni marbuta maċ-ċiklu tal-ħajja u s-sostenibilità tal-proċess tal-produzzjoni tax-xogħlijiet, il-provvisti u s-servizzi.

Konsegwentement, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu abbozzati b'tali mod li jiġi evitat tnaqqis b'mod artifiċjali fil-kompetizzjoni permezz ta' rekwiżiti li jiffavorixxu lil operatur ekonomiku speċifiku billi jirriflettu l-karatteristiċi ewlenin tal-provvisti, servizzi jew xogħlijiet li huma normalment offruti minn dak l-operatur ekonomiku. It-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni u funzjonali ġeneralment jippermetti li dak l-objettiv jintlaħaq bl-aħjar mod possibbli. Ir-rekwiżiti funzjonali u dawk relatati mat-twettiq huma wkoll mezzi adatti li jiffavorixxu l-innovazzjoni fl-akkwist pubbliku u għandhom jintużaw b'mod kemm jista' jkun wiesa'. Fejn issir referenza għal standard Ewropew jew, fin-nuqqas tiegħu, għal standard nazzjonali, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jikkunsidraw offerti bbażati fuq arranġamenti ekwivalenti. […]

[…]

[…]

(92) Meta jkunu qed jivvalutaw l-aqwa bilanċ bejn prezz u kwalità l-awtortajiet kontraenti għandhom jiddeterminaw il-kriterji ekonomiċi u kwalitattivi marbuta mas-suġġett tal-kuntratt li huma ser jużaw għal dak il-għan. Dawk il-kriterji għandhom għaldaqstant jippermettu valutazzjoni komparattiva tal-livell ta' prestazzjoni offrut minn kull offerta fid-dawl tas-suġġett tal-kuntratt, kif iddefinit fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. […]

[…]"

4 Skont l-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni":

"Fis-sens ta' din id-Direttiva l-akkwist huwa akkwist permezz ta' kuntratt pubbliku ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi minn awtorità kontraenti waħda jew aktar mingħand operaturi ekonomiċi magħżula minn dawk l-awtoritajiet kontraenti, sew jekk ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi huma maħsuba għal skop pubbliku u sew jekk le".

5 L-Artikolu 18 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Prinċipji tal-akkwist", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-awtoritajiet kontraenti għandhom jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi bl-istess mod u mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u proporzjonat.

It-tfassil tal-akkwist ma għandux isir bil-ħsieb li l-akkwist jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew biex b'mod artifiċjali jnaqqas il-kompetizzjoni. Il-kompetizzjoni għandha titqies bħala artifiċjalment imnaqqsa meta d-disinn tal-akkwist isir bl-intenzjoni li jagħti vantaġġ jew żvantaġġ mhux mistħoqq lil ċerti operaturi ekonomiċi".

6 Skont l-Artikolu 42 tal-istess direttiva, intitolat "Speċifikazzjonijiet tekniċi":

"1. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif definiti fil-punt 1 tal-Anness VII għandhom jiġu stabbiliti fid-dokumenti ta' akkwist. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jistipulaw il-karatteristiċi meħtiega ta' xogħol, servizz jew provvista.

Dawk il-karatteristiċi jistgħu jirreferu wkoll għall-proċess jew metodu speċifiku tal-produzzjoni jew il-provvista tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba jew għal proċess speċifiku għal stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu anke fejn tali fatturi ma jiffurmawx parti mis-sustanza materjali tagħhom dment li huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u proporzjonali għall-valur u l-objettivi tiegħu.

[…]

2. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom joffru aċċess ugwali tal-operaturi ekonomiċi għall-proċedura ta' akkwist u ma għandux ikollhom l-effett li joħolqu xkiel mingħajr ġustifikazzjoni għall-ftuħ tal-akkwist pubbliku għall-kompetizzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għar-regoli tekniċi nazzjonali obbligatorji, sa fejn ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu formulati b'wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

a) f'termini tar-rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni, inklużi l-karatteristiċi ambjentali, dejjem jekk il-parametri jkunu preċiżi biżżejjed sabiex jippermettu lill-offerenti jiddeterminaw is-suġġett tal-kuntratt u l-awtoritajiet kontraenti jitħallew jagħtu l-kuntratt;

b) permezz ta' referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u, fl-ordni ta' preferenza, għall-istandards nazzjonali li jittrasponu l-istandards Ewropej, il-Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni, l-istandards internazzjonali, sistemi ta' referenzi tekniċi oħrajn stabbiliti mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej jew - fejn xi waħda minn dawk ma teżistix - l-istandards nazzjonali, l-approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali relatati mad-disinn, il-kalkolu u t-twettiq ta' xogħlijiet u l-użu tal-provvisti;

c) f'termini ta' rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni kif imsemmi fil-punt (a), b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fil-punt (b) bħala mezz ta' suppożizzjoni ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni;

d) permezz ta' referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fil-punt (b) għal ċerti karatteristiċi, u b'referenza għar-rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni msemmija fil-punt (a) għal karatteristiċi oħrajn.

4. Sakemm dan ma jkunx ġustifikat mis-suġġett tal-kuntratt, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma għandhomx jirreferu għal isem ta' ditta jew provenjenza speċifiċi, jew proċess partikolari li jikkaratterizza l-prodotti jew servizzi fornuti minn operatur ekonomiku speċifiku, jew għal marki kummerċjali, privattivi, tipi jew oriġini jew produzzjoni speċifika bl-effett li jiġu favoriti jew eliminati ċerti impriżi jew ċerti prodotti. Din ir-referenza għandha tkun permessa fuq bażi eċċezzjonali, fejn ma tkunx possibbli deskrizzjoni preċiża u leġibbli biżżejjed tas-suġġett tal-kuntratt skont il-paragrafu 3. Din ir-referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem 'jew ekwivalenti'.

[…]"

7 L-Anness VII tad-Direttiva 2014/24, intitolat "Definizzjoni ta' Ċerti Speċifikazzjonijiet Tekniċi" jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

1. 'speċifikazzjoni teknika' tfisser waħda minn dawn li ġejjin:
   a) fil-każ ta' kuntratti pubbliċi ta' xogħlijiet, it-totalità ta' preskrizzjonijiet tekniċi b'mod partikolari fid-dokumenti tal-akkwist, li jiddefinixxu l-karatteristiċi meħtieġa ta' materjal, prodott jew provvista, sabiex dawk jipprovdu l-użu li huma maħsuba għalih mill-awtorità kontraenti; dawk il-karatteristiċi jinkludu livelli ta' prestazzjoni ambjentali u klimatika, disinn għar-rekwiżiti kollha (inkluża aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà) u valutazzjoni tal-konformità, prestazzjoni, sikurezza jew dimensjonijiet, inklużi l-proċeduri li jikkonċernaw il-garanzija tal-kwalità, it-terminoloġija, is-simboli, l-ittestjar u l-metodi ta' ttestjar, l-imballaġġ, l-immarkar u t-tikkettar, l-istruzzjonijiet għall-utenti u l-proċessi u l-metodi ta' produzzjoni f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tax-xogħlijiet; barra minn hekk,

dawk il-karatteristiċi jinkludu regoli relatati mad-disinn u l-ispejjeż, it-test, il-kondizzjonijiet ta' spezzjoni u aċċettabbiltà għax-xogħlijiet u l-metodi jew tekniki ta' kostruzzjoni u l-kondizzjonijiet tekniċi kollha l-oħrajn li l-awtorità kontraenti qiegħda f'pożizzjoni li tippreskrivi, skont regolamenti ġenerali jew speċifiċi, fir-rigward tax-xogħlijiet kompluti u fir-rigward tal-materjali jew komponenti li dawn jinvolvu;

[…]"

Id-dritt Belġjan

8 L-Artikolu 4 tal-wet inzake overheidsopdrachten (il-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi) tas-17 ta' Ġunju 2016 (*Belgisch Staatsblad* tal-14 ta' Lulju 2016, p. 44219), jipprevedi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"L-awtoritajiet kontraenti għandhom jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi bl-istess mod u mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u proporzjonat".

9 L-Artikolu 5(1) ta' din il-liġi huwa fformulat kif ġej:

"Awtorità kontraenti ma tistax tfassal kuntratt pubbliku bl-intenzjoni li teskludih mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-liġi jew li tillimita l-kompetizzjoni artifiċjalment. Il-kompetizzjoni titqies li tkun ristretta artifiċjalment meta l-kuntratt ikun tfassal bl-intenzjoni li jagħti vantaġġ jew żvantaġġ mhux mistħoqq lil ċerti operaturi ekonomiċi.

[…]"

10 L-Artikolu 53(2) sa (4) tal-imsemmija liġi jipprovdi:

"2. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom joffru lill-operaturi ekonomiċi aċċess ugwali għall-proċedura ta' għoti ta' kuntratt u ma għandux ikollhom l-effett li joħolqu ostakoli mhux iġġustifikati għall-ftuħ tal-kuntratti pubbliċi għal kompetizzjoni.

3. Bla ħsara għar-regoli tekniċi nazzjonali vinkolanti, sa fejn ikunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni Ewropea, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu formulati b'wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

1° jew f'termini ta' rendiment jew ta' rekwiżiti funzjonali, inklużi l-karatteristiċi ambjentali, bil-kundizzjoni li jkunu preċiżi biżżejjed sabiex jippermettu lill-offerenti jiddeterminaw is-suġġett tal-kuntratt u lill-awtoritajiet kontraenti sabiex jagħtu l-kuntratt;

2° jew permezz ta' riferiment għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u, f'ordni ta' preferenza, għall-istandards nazzjonali li jittrasponu l-istandards Ewropej, għall-valutazzjonijiet tekniċi Ewropej, għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni, għall-istandards internazzjonali, għas-sistemi ta' referenzi tekniċi oħrajn stabbiliti mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej jew, fl-assenza tagħhom, għall-istandards nazzjonali, għall-approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali relatati mad-disinn, mal-kalkolu u mat-twettiq ta' xogħlijiet u mal-użu tal-provvisti. Kull referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem 'jew ekwivalenti';

3° jew f'termini ta' rendiment jew ta' rekwiżiti funzjonali msemmija fil-paragrafu 1°, b'riferiment għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2° bħala mezz ta' preżunzjoni ta' konformità ma' dan ir-rendiment jew rekwiżiti funzjonali;

4° jew billi jsir riferiment għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2° għal ċerti karatteristiċi u għar-rendiment jew għar-rekwiżiti funzjonali msemmija fil-paragrafu 1° għal karatteristiċi oħra.

4. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma jistgħux jirreferu għal isem ta' ditta jew provenjenza speċifiċi, jew proċess partikolari li jikkaratterizza l-prodotti jew is-servizzi pprovduti minn operatur ekonomiku speċifiku, jew għal marka kummerċjali, privattiva, tip jew oriġini jew produzzjoni speċifika bl-effett li jiġu ffavoriti jew eliminati ċerti impriżi jew ċerti prodotti.

Din l-indikazzjoni jew referenza hija awtorizzata biss, b'mod eċċezzjonali:

1° fejn ma jkunx possibbli li tingħata deskrizzjoni preċiża u li tinftiehem biżżejjed tas-suġġett tal-kuntratt skont il-paragrafu 3;

2° meta tkun iġġustifikata mis-suġġett tal-kuntratt.

Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 2(1°), l-indikazzjoni jew referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem 'jew ekwivalenti'.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 Fluvius hija kumpannija rregolata mid-dritt Belġjan inkarigata, fir-Reġjun Fjamming, mill-kostruzzjoni, mill-ġestjoni u mill-manutenzjoni ta' diversi netwerks ta' utilità pubblika, fosthom netwerks tad-drenaġġ.

12 Meta tippubblika avviżi ta' kuntratti pubbliċi għall-installazzjoni jew is-sostituzzjoni tad-drenaġġ, Fluvius teħtieġ l-użu ta' katusi tal-ġebel għas-sistemi ta' drenaġġ u ta' katusi tal-konkrit għas-sistemi ta' rimi tal-ilma tax-xita. L-użu ta' materjali oħra huwa awtorizzat biss f'ċirkustanzi tekniċi partikolari.

13 Bħala manifattur u fornitur ta' katusi tad-drenaġġ tal-plastik, DYKA tqis li l-esklużjoni tagħha mill-proċeduri ta' għoti ta' kuntratt pubbliku organizzati minn Fluvius tikser il-prinċipji ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi stabbiliti fl-Artikoli 4, 5 u 53 tal-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi, li jimplimentaw l-Artikoli 18 u 42 tad-Direttiva 2014/24.

14 Fl-4 ta' Ġunju 2020, DYKA intimat lil Fluvius sabiex tadatta s-sejħiet għal offerti tagħha b'tali mod li l-katusi tad-drenaġġ tal-plastik ikunu jistgħu jiġu proposti fil-kuntest tagħhom.

15 Barra minn hekk, fis-7 ta' Ottubru 2020, DYKA talbet lil Fluvius tippreċiża, fid-dokumenti tas-sejħa għal offerti dwar kuntratt pubbliku għall-installazzjoni tad-drenaġġ fil-komun ta' Beringen (il-Belġju), ir-raġunijiet għalfejn il-pajpijiet tal-plastik kienu esklużi minn dan il-kuntratt.

16 Fir-risposta tagħha tal-15 ta' Ottubru 2020, Fluvius ikkonfermat li kienu biss il-katusi tal-ġebel, għat-tneħħija tad-drenaġġ, u tal-konkrit, għat-tneħħija tal-ilma tax-xita, li kienu aċċettati. Hija tqis li lanqas ma għandha timmotiva din l-għażla ta' materjali.

17 DYKA adixxiet lill-ondernemingsrechtbank Gent, afdeling Gent (il-Qorti tal-Impriżi ta' Gent, Sezzjoni Gent, il-Belġju), li hija l-qorti tar-rinviju, fejn talbitha tordna lil Fluvius ittemm din il-prattika u tikkundannaha għall-ħlas ta' kumpens.

18 Quddiem dik il-qorti, Fluvius issostni li huwa leġittimu, b'mod partikolari mill-perspettiva tas-sostenibbiltà, li tagħżel b'mod awtomatiku, jiġifieri fl-assenza ta' ċirkustanzi tekniċi partikolari, katusi tal-ġebel u tal-konkrit. Hija tqis, essenzjalment, li tali rekwiżit ma jiksirx il-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 18 u 42 tad-Direttiva 2014/24.

19 Il-qorti tar-rinviju tosserva li mill-Artikolu 42 tad-Direttiva 2014/24 jirriżulta li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jitfasslu b'mod li jiġi evitat li l-kompetizzjoni tiġi ristretta b'mod artifiċjali. Bħalma jsegwi mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu 42, moqri flimkien mal-premessa 74 ta' din id-direttiva, il-formulazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' rendiment u ta' rekwiżiti funzjonali ġeneralment tippermetti li jintlaħaq bl-aħjar mod l-għan ta' ftuħ għall-kompetizzjoni.

20 Dik il-qorti ma teskludix li l-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtorità kontraenti hija obbligata tifformula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' wieħed mill-modi elenkati f'din id-dispożizzjoni. Issa, jidher li l-formulazzjoni użata minn Fluvius, li tikkonsisti f'li tirreferi għal katusi tal-ġebel u tal-konkrit, ma taqa' taħt ebda wieħed minn dawn il-modi u li, barra minn hekk, għandha l-effett li telimina ċerti impriżi jew ċerti prodotti, li jista' jaqa' taħt il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 42(4) ta' din id-direttiva. Minn dan jista' jsegwi li l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 18(1) u fl-Artikolu 42(2) tal-imsemmija direttiva ġew miksura.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ondernemingsrechtbank Gent, afdeling Gent (il-Qorti tal-Impriżi ta' Gent, Sezzjoni Gent) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 42(3) tad-Direttiva [2014/24] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-lista tal-modi ta' kif għandhom jiġu fformulati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi hija ta' natura eżawrjenti u li, għalhekk, awtorità kontraenti hija obbligata tfassal l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-kuntratti pubbliċi tagħha b'wieħed mill-modi elenkati f'din id-dispożizzjoni?

2) L-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li r-riferimenti għal katusi tal-ġebel u tal-konkrit (skont it-tip tan-network tad-drenaġġ inkwistjoni) fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħiet għal offerti għandhom jitqiesu bħala li jaqgħu taħt waħda jew iktar mir-riferimenti elenkati f'din id-dispożizzjoni, pereżempju riferimenti għal tipi partikolari jew għal produzzjoni partikolari ta' katusi?

3) L-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li r-riferimenti magħmula fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħiet għal offerti għal prodott wieħed, pereżempju għal katusi tal-ġebel u tal-konkrit (skont it-tip tan-network tad-drenaġġ inkwistjoni), bħala soluzzjonijiet tekniċi speċifiċi, jipproduċu diġà l-effett meħtieġ minn din id-dispożizzjoni (jiġifieri l-'effett li jiġu favoriti jew eliminati ċerti impriżi jew ċerti prodotti') peress li għandhom l-effett li jeskludu a priori, u għalhekk li jisfavorixxu, lill-impriżi li jipproponu soluzzjonijiet differenti mill-prodott preskritt, minkejja l-fatt li diversi impriżi li

jinsabu f'kompetizzjoni ma' xulxin jistgħu effettivament jippproponu l-prodott preskritt, jew huwa meħtieġ li ma jkun hemm assolutament ebda forma ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-prodott inkwistjoni, pereżempju fir-rigward tal-katusi tal-ġebel u tal-konkrit (skont it-tip ta' network ta' drenaġġ inkwistjoni), u li l-effett imsemmi iktar 'il fuq ma jkunx jista' jiġi kkunsidrat ħlief fil-każ li l-prodott inkwistjoni jikkaratterizza impriża partikolari li hija l-unika waħda li toffrih fis-suq?

4) L-Artikolu 42(2) tad-Direttiva 2014/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li nuqqas ikkonfermat ta' osservanza tal-Artikolu 42(3) u/jew tal-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24, minħabba l-użu illegali ta' riferimenti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħiet għal offerti (pereżempju ta' riferimenti għal katusi tal-ġebel jew tal-konkrit (skont it-tip ta' network ta' drenaġġ inkwistjoni)), jimplika wkoll a fortiori nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 42(2) tad-Direttiva 2024/24 u tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2014/24, li huwa marbut miegħu?"

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

22 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni Ewropea tistaqsi dwar id-direttiva applikabbli.

23 Għandu jitfakkar li domanda preliminari għandha tiġi eżaminata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattati u tad-dritt sekondarju li jistgħu jkunu rilevanti fir-rigward tal-problema mressqa. Iċ-ċirkustanza li l-qorti tar-rinviju fformulat id-domanda tagħha billi għamlet riferiment għal ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma huwiex għalhekk ta' ostakolu sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdilha l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li għandha quddiemha, kemm jekk hija rreferiet għalihom jew le meta għamlet id-domandi tagħha (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022, Obshtina Razlog, C-376/21, EU:C:2022:472, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Fluvius hija responsabbli għall-installazzjoni, għall-ġestjoni u għall-manutenzjoni tan-netwerks tad-drenaġġ. Ix-xogħlijiet marbuta ma' din l-attività huma, bħala regola ġenerali, irregolati mid-Direttiva 2014/24, skont l-Artikolu 1(2) tagħha.

25 Madankollu, l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU 2014, L 94, p. 243, rettifika fil-ĠU L, 2023/90064) jipprevedi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva l-attivitajiet marbuta mat-trasport u mad-distribuzzjoni ta' ilma tajjeb għax-xorb jew mal-provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb. L-Artikolu 10(2)(b) tad-Direttiva 2014/25 jippreċiża, f'dan ir-rigward, li kuntratti jew kompetizzjonijiet li ssir sejħa għalihom jew li jiġu organizzati mill-entitajiet kontraenti li jeżerċitaw attività msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu 10 u li huma marbuta mat-tneħħija jew mat-trattament tad-drenaġġ jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

26 It-talba għal deċiżjoni preliminari ma tippermettix li jiġi stabbilit jekk Fluvius, bħala awtorità kontraenti, teżerċitax attività marbuta mat-trasport u mad-distribuzzjoni tal-ilma tajjeb għax-xorb jew mal-provvista tal-ilma tajjeb għax-xorb. Madankollu, matul is-seduta, Fluvius,

sostnuta mill-Kummissjoni u minn DYKA, sostniet li ma kinitx attiva f'dan il-qasam. Jidher għalhekk, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li hija d-Direttiva 2014/24 li hija applikabbli f'dan il-każ.

27 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi nnotat li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fid-Direttivi 2014/24 u 2014/25 huma sostanzjalment l-istess.

Fuq l-ewwel domanda

28 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/24 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-lista, f'din id-dispożizzjoni, tal-metodi ta' formulazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi hija eżawrjenti.

29 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/24, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jiġu fformulati, konformement mal-punt (a) ta' din id-dispożizzjoni, f'termini ta' rendiment jew ta' rekwiżiti funzjonali, jew inkella, konformement mal-punt (b) tal-imsemmija dispożizzjoni, b'riferiment għal speċifikazzjonijiet tekniċi u, b'ordni ta' preferenza, għall-istandards nazzjonali li jittrasponu standards Ewropej, għall-evalwazzjonijiet tekniċi Ewropej, għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni, għall-istandards internazzjonali, għas-sistemi ta' referenzi tekniċi oħrajn stabbiliti mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej jew, fin-nuqqas tagħhom, għall-istandards nazzjonali, għall-approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali relatati mad-disinn, mal-kalkolu u mat-twettiq tax-xogħlijiet u mal-użu tal-provvisti, jew inkella, konformement mal-punt (c) jew (d) tal-istess dispożizzjoni, permezz ta' taħlita ta' dawn iż-żewġ metodi. Ma teżistix ġerarkija bejn il-metodi ta' formulazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi elenkati fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 3 dan l-Artikolu 42 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, Roche Lietuva, C-413/17, EU:C:2018:865, punti 26 u 28).

30 Bħalma jirriżulta mill-fraži "l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu formulati b'wieħed minn dawn il-modi li ġejjin", li tippreċedi dawn il-punti (a) sa (d), hija l-awtorità kontraenti li għandha tifformula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi konformement ma' wieħed mill-imsemmija punti u mhux skont metodu ieħor. Għaldaqstant, l-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/24 għandu, bħalma osserva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 44 tal-konklużjonijiet tiegħu, jinftiehem fis-sens li jelenka b'mod eżawrjenti l-metodi ta' formulazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu inklużi fid-dokumenti tal-kuntratt. Fil-fatt, li kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jaċċetta metodi addizzjonali, huwa kien jesprimi r-rieda tiegħu billi juża formula li tmur f'dan is-sens, bħal "jistgħu jiġu fformulati".

31 Din l-interpretazzjoni ma hijiex invalidata mill-preċiżazzjoni, li tinsab fil-bidu tal-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/24, li tgħid li din id-dispożizzjoni hija "[m]ingħajr preġudizzju għar-regoli tekniċi nazzjonali obbligatorji, sa fejn ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni". Din il-preċiżazzjoni tista' ċertament, fil-każ ta' preżenza ta' regola teknika nazzjonali, twassal għal sitwazzjonijiet li fihom awtoritajiet kontraenti jistgħu jidderogaw mir-regola stabbilita f'dan l-Artikolu 42(3), iżda ma tbiddilx, bħala tali, is-sens ta' din ir-regola. Meta, bħal f'dan il-każ, ebda "regola teknika nazzjonali obbligatorja" ma tiġi invokata, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom, bla ħsara għall-Artikolu 42(4) ta' din id-direttiva, jiġu fformulati konformement ma' wieħed mill-metodi previsti fil-punti (a) sa (d) tal-imsemmi Artikolu 42(3).

32 L-imsemmija interpretazzjoni lanqas ma hija invalidata mill-indikazzjoni, li tinsab fit-tieni sentenza tal-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24, li tgħid li jista' jkun hemm każijiet "fejn ma tkunx possibbli deskrizzjoni preċiża u leġibbli biżżejjed tas-suġġett tal-kuntratt skont il-paragrafu 3" ta' dan l-Artikolu 42.

33 Skont it-tieni u t-tielet sentenza tal-Artikolu 42(4) ta' din id-direttiva, l-awtorità kontraenti tista', f'tali każijiet, eċċezzjonalment tirreferi għal manifattura jew għal provenjenza partikolari, għal proċess partikolari jew ukoll għal element partikolari ieħor imsemmi fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu 42, billi żżid il-kliem "jew ekwivalenti".

34 Meta din l-eċċezzjoni tapplika, minħabba l-impossibbiltà li tiġi pprovduta deskrizzjoni suffiċjentement preċiża u li tinftiehem tas-suġġett tal-kuntratt skont l-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/24, l-awtorità kontraenti tista' tinkludi, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, riferiment għall-elementi li l-indikazzjoni tagħhom hija bħala prinċipju pprojbita mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24, sakemm dan ir-riferiment ikun akkumpanjat mill-kliem "jew ekwivalenti".

35 Barra minn hekk, sa fejn l-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24 jippreċiża, fl-ewwel sentenza tiegħu, li l-projbizzjoni li jintużaw ir-riferimenti msemmija fih ma tapplikax meta tali riferiment ikun iġġustifikat mis-suġġett tal-kuntratt, għandu jitqies li dan il-każ jidderoga, bħal dak previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 42(4) ta' din id-direttiva, imsemmi fil-punti 32 sa 34 ta' din is-sentenza, mill-applikabbiltà esklużiva tal-metodi ta' formulazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi elenkati fl-Artikolu 42(3) tal-imsemmija direttiva.

36 Madankollu, minbarra l-każijiet imsemmija fl-Artikolu 42(4) tal-istess direttiva u fl-assenza ta' kwalunkwe regola teknika nazzjonali obbligatorja, fis-sens tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu 42, il-lista tal-metodi ta' formulazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi elenkati fl-Artikolu 42(3)(a) sa (d) tad-Direttiva 2014/24 għandha titqies li hija eżawrjenti.

37 Bħalma jsegwi mill-elementi preċedenti kollha, l-interpretazzjoni stabbilita fil-punt 30 ta' din is-sentenza, li tirriżulta b'mod ċar mill-kliem "għandhom jiġu formulati b'wieħed minn dawn il-modi li ġejjin" li jinsab fl-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/24, hija meħtieġa bħala prinċipju, jiġifieri bla ħsara għall-preċiżazzjoni li tinsab fil-bidu ta' din id-dispożizzjoni, minn naħa, u għal dawk li jinsabu fl-Artikolu 42(4) ta' din id-direttiva, min-naħa l-oħra. Fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li, meta s-sens ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta mingħajr ambigwità mill-formulazzjoni stess tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax titbiegħed minnha (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Agentsia po vpisvaniyata, C-200/23, EU:C:2024:827, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata), ma hemmx lok li tiġi eżaminata iktar il-portata ta' dan l-Artikolu 42(3).

38 Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-elenkar, f'din id-dispożizzjoni, tal-metodi ta' formulazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huwa eżawrjenti, bla ħsara għar-regoli tekniċi nazzjonali obbligatorji li huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, u bla ħsara għall-Artikolu 42(4) ta' din id-direttiva.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

39 Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jippreċiżaw, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kuntratt pubbliku għal xogħlijiet, minn liema materjali għandhom jiġu kkostitwiti l-prodotti proposti mill-offerenti.

40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat qabel kollox li, fi proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku għal xogħlijiet, il-formulazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi hija intiża, konformement mal-Artikolu 42(1) tad-Direttiva 2014/24, li tiddefinixxi "il-karatteristiċi meħtiega ta' xogħol". Sa fejn jiddeterminaw dawn il-karatteristiċi, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jiddefinixxu, bħalma jirriżulta mill-premessa 92 ta' din id-direttiva, is-suġġett stess tal-kuntratt pubbliku.

41 Fost dawn l-ispeċifikazzjonijiet jista' b'mod partikolari jkun hemm, skont il-punt 1(a) tal-Anness VII tal-imsemmija direttiva, il-karatteristiċi meħtieġa ta' "prodott jew provvista, sabiex dawk jipprovdu l-użu li huma maħsuba għalih mill-awtorità kontraenti". Dawn il-karatteristiċi jinkludu, b'mod partikolari, il-"kondizzjonijiet tekniċi kollha l-oħrajn li l-awtorità kontraenti qiegħda f'pożizzjoni li tippreskrivi, skont regolamenti ġenerali jew speċifiċi, fir-rigward tax-xogħlijiet kompluti u fir-rigward tal-materjali jew komponenti li dawn jinvolvu".

42 Għalkemm l-awtoritajiet kontraenti għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' f'dan ir-rigward, li huwa ġġustifikat mill-fatt li huma għandhom l-aħjar għarfien tal-provvisti li jeħtieġu u r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jinkisbu r-riżultati mixtieqa, id-Direttiva 2014/24 madankollu tistabbilixxi ċerti limiti li huma għandhom josservaw. Konformement mal-Artikolu 42(2) tad-Direttiva 2014/24, moqri flimkien mal-Artikolu 18(1) tagħha, huma għandhom jiżguraw li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jagħtu lill-operaturi ekonomiċi aċċess ugwali għall-proċedura ta' għoti ta' kuntratt u li dawn ma jkollhomx l-effett li joħolqu ostakoli mhux iġġustifikati għall-ftuħ tal-kuntratti pubbliċi għall-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, Roche Lietuva, C-413/17, EU:C:2018:865, punti 29 sa 33).

43 Bl-istess mod, mill-premessa 74 ta' din id-direttiva jirriżulta li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fformulati għall-għoti ta' kuntratt pubbliku għandhom jiftħu dan il-kuntratt pubbliku għall-kompetizzjoni u għalhekk jippermettu li jiġu ppreżentati offerti li jirriflettu b'mod partikolari d-diversità tas-soluzzjonijiet tekniċi eżistenti fis-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2018, Roche Lietuva, C-413/17, EU:C:2018:865, punt 36, u tal-24 ta' Ottubru 2024, Obshtina Pleven, C-513/23, EU:C:2024:917, punt 36).

44 Din l-istess premessa 74 tippreċiża li l-formulazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' rendiment u ta' rekwiżiti funzjonali ġeneralment tippermetti li jintlaħaq bl-aħjar mod l-għan ta' ftuħ għall-kompetizzjoni u li, għaldaqstant, dan il-metodu ta' formulazzjoni, li jippromwovi l-innovazzjoni fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi, għandu jintuża bl-iktar mod wiesa' possibbli.

45 Dan il-mod ta' formulazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, imsemmi fl-Artikolu 42(3)(a) tad-Direttiva 2014/24, jippermetti, fil-fatt, lil kull operatur ekonomiku li l-prodotti tiegħu jissodisfaw ir-rendimenti u r-rekwiżiti funzjonali imposti mill-awtorità kontraenti li jagħmlu offerta, indipendentement, b'mod partikolari, mill-proċess segwit fil-manifattura tal-prodotti tiegħu u mill-materjal li huma magħmula minnu.

46 Sabiex il-metodu ta' formulazzjoni previst fl-Artikolu 42(3)(b) tad-Direttiva 2014/24 jiggarantixxi huwa wkoll ftuħ xieraq għall-kompetizzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fformulati skont dan il-metodu għandhom ikunu akkumpanjati mill-kliem "jew ekwivalenti".

47 Peress li l-ftuħ għall-kompetizzjoni huwa għalhekk iggarantit fil-każ ta' applikazzjoni ta' wieħed mill-metodi msemmija fl-Artikolu 42(3)(a) u (b) tad-Direttiva 2014/24, dan huwa ggarantit ukoll fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 42(3)(c) u (d) tagħha, li jikkonsistu f'kombinazzjoni ta' dawn iż-żewġ metodi.

48 Min-naħa l-oħra, l-inklużjoni, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, ta' riferiment "għal isem ta' ditta jew provenjenza speċifiċi, jew proċess partikolari li jikkaratterizza l-prodotti jew servizzi fornuti minn operatur ekonomiku speċifiku" jew "għal marki kummerċjali, privattivi, tipi jew oriġini jew produzzjoni speċifika bl-effett li jiġu favoriti jew eliminati ċerti impriżi jew ċerti prodotti" hija bħala prinċipju pprojbita, skont l-Artikolu 42(4) ta' din id-direttiva.

49 Fil-fatt, tali referenzi, mhux talli ma jikkontribwixxux għall-ftuħ tal-kuntratt pubbliku għall-kompetizzjoni, iżda għandhom l-effett li jillimitawha.

50 Madankollu, b'mod eċċezzjonali, awtorità kontraenti tista', fid-dokumenti tal-kuntratt li jinkludu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, tinkludi riferiment imsemmi fl-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24, sakemm, bħalma tipprevedi essenzjalment it-tieni sentenza ta' din id-dispożizzjoni, ir-rendimenti jew ir-rekwiżiti funzjonali msemmija konformement mal-Artikolu 42(3)(a) ta' din id-direttiva jew l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija konformement mal-Artikolu 42(3)(b) tal-imsemmija direttiva, jew kombinazzjoni tat-tnejn, ma jippermettux, fihom infushom, li tiġi pprovduta deskrizzjoni suffiċjentement preċiża u li tinftiehem tas-suġġett tal-kuntratt. F'każ bħal dan, l-awtorità kontraenti għandha, konformement mat-tielet sentenza tal-Artikolu 42(4) tal-istess direttiva, takkumpanja dan ir-riferiment bil-kliem "jew ekwivalenti".

51 Bħalma jsegwi, barra minn hekk, mill-frażi "[s]akemm dan ma jkunx ġustifikat mis-suġġett tal-kuntratt", li tinsab fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24, ir-riferimenti msemmija f'din id-dispożizzjoni jistgħu jsiru wkoll meta dan ikun leġittimu fid-dawl tas-suġġett tal-kuntratt. Fid-dawl tal-pożizzjoni tiegħu fil-bidu ta' dan il-paragrafu 4 u tal-użu tal-kelma "sakemm", dan il-każ, li huwa distint minn dak previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 42(4), għandu jinftiehem bħala ċirkustanza li tippermetti lill-awtorità kontraenti teskludi l-applikabbiltà stess tal-kontenut normattiv ta' dan il-paragrafu 4, li jinkludi l-projbizzjoni ta' prinċipju stabbilita fl-ewwel sentenza tal-imsemmi paragrafu, l-eċċezzjoni għal din il-projbizzjoni prevista fit-tieni sentenza tiegħu u r-rekwiżit, previst fit-tielet sentenza ta' dan tal-aħħar, li żżid, fil-każ ta' applikabbiltà ta' din l-eċċezzjoni, il-kliem "jew ekwivalenti".

52 Konsegwentement, meta riferiment bħal dak imsemmi fl-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24 huwa ġġustifikat mis-suġġett tal-kuntratt, dan jista' jiġi introdott fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, mingħajr ma tapplika l-projbizzjoni stabbilita fl-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni jew il-kundizzjonijiet previsti fit-tieni u fit-tielet sentenza tagħha.

53 Dan il-każ kopert bil-kliem "sakemm dan ma jkunx ġustifikat mis-suġġett tal-kuntratt" għandu, sabiex ma jiġix ippreġudikat l-għan tal-ftuħ tal-kuntratti pubbliċi għall-kompetizzjoni, jiġi interpretat b'mod restrittiv, b'tali mod li jkopri biss is-sitwazzjonijiet li fihom rekwiżit relatat mal-użu ta' prodott ta' tip jew ta' oriġini jew saħansitra ta' trade mark partikolari, jew miksub abbażi ta' privattiva jew ta' proċess partikolari, jirriżulta inevitabbilment mis-suġġett tal-kuntratt.

54 Huwa fid-dawl tal-preċiżazzjonijiet kollha pprovduti iktar ’il fuq dwar il-portata tal-Artikolu 42 tad-Direttiva 2014/24 li l-qorti tar-rinviju għandha tevalwa jekk Fluvius tistax tillimita jew le, permezz tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li hija tifformula għall-għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet tad-drenaġġ, dawn il-kuntratti pubbliċi għall-operaturi ekonomiċi li jipprovdu katusi tal-ġebel għad-drenaġġ u katusi tal-konkrit għat-tneħħija tal-ilma tax-xita.

55 Għalkemm hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha tapplika r-regoli stabbiliti f’dan l-Artikolu 42, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar tista’ madankollu tagħti indikazzjonijiet sabiex jiġi ddeterminat sa fejn dawn ir-regoli jistgħu japplikaw għal riferiment, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jikkonsisti fir-rekwiżit tal-użu ta’ katusi “tal-ġebel” u “tal-konkrit”.

56 F’dan ir-rigward, għandu jiġi indikat, l-ewwel, li l-materjal li minnu huwa kkostitwit prodott ma jistax jiġi kklassifikat bħala “rendiment” jew “ħtieġa funzjonali”, fis-sens tal-Artikolu 42(3)(a) tad-Direttiva 2014/24. Fil-fatt, għalkemm materjal jista’ jikkontribwixxi għar-rendiment ta’ prodott jew għall-kapaċità tiegħu li jissodisfa rekwiżit funzjonali, huwa ma jikkostitwixxix, fih innifsu, “rendiment” jew “rekwiżit funzjonali”.

57 F’każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn jeżistu, fis-settur ekonomiku kkonċernat, prodotti li jistgħu jiġu ddifferenzjati skont il-manifattura tagħhom u, b’mod partikolari, il-materjal li huma kkostitwiti minnu, ir-rekwiżit li jintużaw prodotti kkostitwiti minn ċertu materjal għandu, bħalma osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 72 u 73 tal-konklużjonijiet tiegħu, jiġi kklassifikat bħala riferiment għal “tip” jew għal “produzzjoni speċifika” li għandha “l-effett li jiġu favoriti jew eliminati ċerti impriżi jew ċerti prodotti”, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24, peress li dan ir-riferiment iwassal sabiex jiġu eliminati l-impriżi li jipprovdu prodotti kkostitwiti minn materjal differenti minn dak meħtieġ.

58 It-tieni, għandu jiġi indikat li, matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, Fluvius iddikjarat, bi tweġiba għal mistoqsija magħmula minnha, li hija ma kinitx akkumpanjat l-ispeċifikazzjoni teknika inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li l-katusi tad-drenaġġ għandhom ikunu tal-ġebel u dawk għat-tneħħija tal-ilma tax-xita tal-konkrit, bil-frażi “jew ekwivalenti”.

59 Jekk dan kellu jkun il-każ, aspett li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, ikun isegwi, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi eżaminat jekk huwiex possibbli, skont l-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/24, li tiġi pprovduta deskrizzjoni suffiċjentement preċiża u li tinftiehem tas-suġġett ta’ kull kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li Fluvius ma tkunx tista’ tinvoka b’mod utli l-eċċezzjoni prevista fil-punt 1° tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(4) tal-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi, li tittrasponi fid-dritt Belġjan it-tieni sentenza tal-Artikolu 42(4) ta’ din id-direttiva, peress li r-rekwiżit ifformulat fit-tielet sentenza tal-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu 42, traspost fid-dritt Belġjan permezz tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(4) ta’ din il-liġi, ma jkunx issodisfatt.

60 Fir-rigward, it-tielet, tal-każ imsemmi fil-bidu tal-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24, interpretat fil-punti 51 sa 53 ta’ din is-sentenza u traspost fid-dritt Belġjan mill-punt 2° tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(4) tal-imsemmija liġi, għandu jitqies li r-rekwiżit dwar l-użu ta’ materjal partikolari għal kuntratt pubbliku jew għal parti minnu jista’, b’mod partikolari, jirriżulta inevitabbilment mill-għan tal-kuntratt meta dan ikun ibbażat fuq l-estetika mfittxija mill-awtorità kontraenti jew fuq in-neċessità li tinkiseb l-adegwatezza ta’ xogħol għall-ambjent tiegħu, jew meta, fid-dawl ta’ rendiment jew ta’ rekwiżit funzjonali fformulat skont l-Artikolu 42(3)(a) ta’ din id-direttiva, huwa inevitabbli li jintużaw prodotti magħmula minn dan il-materjal. Fil-fatt, f’tali sitwazzjonijiet, ebda alternattiva bbażata fuq soluzzjoni teknika differenti ma hija possibbli.

61 Minbarra l-każijiet fejn l-użu ta' materjal jirriżulta inevitabbilment mis-suġġett tal-kuntratt, l-awtorità kontraenti ma tistax, mingħajr iż-żieda tal-kliem "jew ekwivalenti", teżiġi l-użu ta' materjal partikolari. Hija għandha għalhekk, fil-kuntest tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, tastjeni milli timponi l-użu ta' materjal partikolari, jew billi tevita li ssemmi tali materjal fid-dokumenti tal-kuntratt, jew billi ssemmi materjal wieħed jew iktar filwaqt li żżid miegħu l-kliem "jew ekwivalenti". Għalhekk, l-awtorità kontraenti jkollha, konformement mal-għan ta' ftuħ għall-kompetizzjoni mfittex mid-Direttiva 2014/24, tapplika l-kriterji ta' għoti għal diversità ta' offerti, li tista' tinkludi kemm dawk li jipproponu prodotti magħmula minn materjali li l-użu tagħhom huwa komuni fis-settur ikkonċernat kif ukoll dawk li jipproponu prodotti magħmula minn materjali inqas abitwali, jew saħansitra innovattivi. L-awtorità kontraenti għalhekk tagħti lill-operaturi ekonomiċi interessati l-possibbiltà li juru l-ekwivalenza ta' tali materjali.

62 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet kontraenti ma jistgħux, mingħajr iż-żieda tal-kliem "jew ekwivalenti", jippreċiżaw, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kuntratt pubbliku għal xogħlijiet, minn liema materjali għandhom jiġu kkostitwiti l-prodotti proposti mill-offerenti, sakemm l-użu ta' materjal partikolari ma jirriżultax inevitabbilment mis-suġġett tal-kuntratt, peress li ebda alternattiva bbażata fuq soluzzjoni teknika differenti ma hija possibbli.

Fuq ir-raba' domanda

63 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 42(2) tad-Direttiva 2014/24, moqri flimkien mal-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu li l-operaturi ekonomiċi jingħataw ugwaljanza fl-aċċess għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi u l-projbizzjoni li jinħolqu ostakoli mhux iġġustifikati għall-ftuħ tal-kuntratti pubbliċi għall-kompetizzjoni, stabbiliti f'din l-aħħar dispożizzjoni, humiex neċessarjament miksura meta awtorità kontraenti telimina, permezz ta' speċifikazzjoni teknika li ma hijiex kompatibbli mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 42(3) u (4) tal-imsemmija direttiva, ċerti impriżi jew ċerti prodotti.

64 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 42(2) tad-Direttiva 2014/24 jsegwi mingħajr ambigwità li din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tfakkar, f'dak li jirrigwarda l-formulazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, uħud mir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva, jiġifieri, minn naħa, l-obbligu li l-operaturi ekonomiċi jiġu ttrattati b'mod ugwali u, min-naħa l-oħra, il-projbizzjoni li l-kompetizzjoni tiġi limitata artifiċjalment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, Roche Lietuva, C-413/17, EU:C:2018:865, punti 32 u 33).

65 Dan il-kontenut tal-Artikolu 42(2) tad-Direttiva 2014/24 huwa, min-naħa tiegħu, ikkonkretizzat mill-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu 42. Bħalma jirriżulta mill-eżami tal-ewwel sat-tielet domanda preliminari, dawn il-paragrafi huma bbażati, huma wkoll, bħalma huwa kkonfermat mill-premessa 74 tad-Direttiva 2014/24, fuq l-imsemmi obbligu u l-imsemmija projbizzjoni.

66 Konsegwentement, meta ċerti impriżi jew ċerti prodotti jkunu esklużi minħabba speċifikazzjoni teknika li hija inkompatibbli mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 42(3) u (4) tad-Direttiva 2014/24, din l-esklużjoni neċessarjament tippreġudika l-obbligu, stabbilit fl-Artikolu 42(2), li jiġi żgurat li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jagħtu aċċess ugwali għall-proċedura ta' għoti u ma jillimitawx indebitament il-kompetizzjoni.

67 Għaldaqstant, ir-risposta għar-raba' domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 42(2) tad-Direttiva 2014/24, moqri flimkien mal-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu li l-operaturi ekonomiċi jingħataw ugwaljanza fl-aċċess għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi u l-projbizzjoni li jinħolqu ostakoli mhux iġġustifikati għall-ftuħ tal-kuntratti pubbliċi għall-kompetizzjoni, stabbiliti f'din id-dispożizzjoni tal-aħħar, huma neċessarjament miksura meta awtorità kontraenti telimina, permezz ta' speċifikazzjoni teknika li ma hijiex kompatibbli mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 42(3) u (4) tal-imsemmija direttiva, ċerti impriżi jew ċerti prodotti.

Fuq l-ispejjeż

68 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku [kuntratti pubbliċi] u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-elenkar, f'din id-dispożizzjoni, tal-metodi ta' formulazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huwa eżawrjenti, bla ħsara għar-regoli tekniċi nazzjonali obbligatorji li huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, u bla ħsara għall-Artikolu 42(4) ta' din id-direttiva.

2) L-Artikolu 42(4) tad-Direttiva 2014/24

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-awtoritajiet kontraenti ma jistgħux, mingħajr iż-żieda tal-kliem "jew ekwivalenti", jippreċiżaw, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kuntratt pubbliku għal xogħlijiet, minn liema materjali għandhom jiġu kkostitwiti l-prodotti proposti mill-offerenti, sakemm l-użu ta' materjal partikolari ma jirriżultax inevitabbilment mis-suġġett tal-kuntratt, peress li ebda alternattiva bbażata fuq soluzzjoni teknika differenti ma hija possibbli.

3) L-Artikolu 42(2) tad-Direttiva 2014/24, moqri flimkien mal-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-obbligu li l-operaturi ekonomiċi jingħataw ugwaljanza fl-aċċess għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi u l-projbizzjoni li jinħolqu ostakoli mhux iġġustifikati għall-ftuħ tal-kuntratti pubbliċi għall-kompetizzjoni, stabbiliti f'din id-dispożizzjoni tal-aħħar, huma neċessarjament miksura meta awtorità kontraenti telimina, permezz

ta' speċifikazzjoni teknika li ma hijiex kompatibbli mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 42(3) u (4) tal-imsemmija direttiva, ċerti impriżi jew ċerti prodotti.

Firem